KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tal-Erbgħa u Tletin (34) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tnejn, 12 ta' Gunju, 2017, fil-5.00pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Kunsiderazzjoni u Aprovazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-tlieta u tletin laqgħa, tal-Hamis, 11 ta' Mejju 2017, ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**2.Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

Is-Sindku nnota li din hi l-ewwel laqgħa wara l-Elezzjoni Generali. Is-Sindku faħħar ir-relazzjoni tajba li S-Segretarja u l-Kunsill kellu mal-Ministeru ghal Għawdex u l-Ministru Dr. Anton Refalo. Kien hemm qbil li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lil Hon Dr. Anton Refalo. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra ukoll lil Dr. Justyne Caruana tal-kariga ġdida tagħha ta' Ministru għal Għawdex kif ukoll lis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u drittijiet tal-annimali, Clint Camilleri.

Is-Sindku nnota li għad fadal nieħdu €10,000 mill-Progetti Kapitali. Il-Kunsill l-ewwel irid iħallas dak li fadal pendenti ma' Xmun Projects u imbagħad il-Kunsill jirċievi dan l-ammont.

Is-Sindku nnota ukoll li kollox mar sew fil-Karnival tal-FECC u d-delegazzjoni faħħru ħafna l-BBQ u ħadu gost f'din l-attivita'. Minħabba iċ-ċirkustanzi ma tantx kien hemm ħafna nies. Bħala sound kien hemm ħafna kliem ta' tifħir u issa ser isiru xi arrangamenti. Jason Mizzi ħadmu b'direct order u jifdal biss il-kont tas-sound engineers u wiring. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġeriet li jingħataw inċentivi lil dawk li dejjem jieħdu sehem fil-Karnival inkluż dawk li jagħmlu

il-karrijiet ta’ filgħaxija b’tema partikolari. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku nnota li s-Sotto kumitat tal-Karnival ser jibda jiltaqa' fil-ġranet li ġejjin.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-parti tal-ħlas ta' Finland peress li ma kinitx preżenti fil-laqgħa li għaddiet. Is-Sindku spjegala li l-applikazzjoni ma ġietx aċċetata u dawn kienu ġa imwegħdin li ser jieħdu refund ta' parti mill-flights. Hu kompla jgħid li l-video mhux ser issir u flights jiġu kompensati b'dan il-mod.

**3. Korrispondenza.**

(5823) Cirkulari no. 12/2017- Parteċipazzjoni fil-Politka u Komunikazzjoni mal-Media.
(5824) POC 113/2017- Procurement Policy Note no. 30
(5825) Cirkulari no. 15/2017- L-Elezzjoni Ġenerali fit-3 ta’ Ġunju 2017
(5826) Talba għal no objection mingħand Sports Board rigward Tiġrija taż-Żwiemel
(5827) Elezzjoni Ġenerali 2017- Ħinijiet imnaqqsa għall-viżitaturi fl-isptarijiet.
(5828) Elezzjoni Ġenerali 2017- Dokumenti tal-Vot ta’ Residenti f’San Vincenz de Paul
(5829) Elezzjoni Ġenerali 2017- Votazzjoni Bikrija
(5830) Elezzjoni Ġenerali 2017- Ġurament li jsir barra minn Malta
(5831) Avvizi mill-Kummissjoni Elettorali maħruga fil-gazzetta tal-Gvern tal-11 u tat-12 ta’ Mejju 2017
(5832) Elezzjoni Ġenerali 2017- Dokumenti għall-Votazzjoni speċjali
(5833) Invitation mingħand Gozo College Middle School dwar Inauguration Kreattiv Project 2017
(5834) Ittra mingħand id-DLG dwar Onorarju dovut lis-Sindku
(5835) Email mingħand id-DLG dwar ‘salary & Qualification Allowance increases with effect from 1 January 2017’
(5836) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq Diċembru 13th dwar għeluq ta’ toroq.
(5837) Ċirkulari 34/2017- dwar Spjegazzjoni ta’ kif jistgħu u għadhom jintużaw il-flus mqassma lill-Kunsilli Lokali
(5838) Ittra mingħand il-Kap tal-Partit Nazzjonalista rigward il-Manifest elettorali.
(5839) Email mingħand id-DLG rigward Request for information – National Environmental Policy (2012-2020)
(5840) Elezzjoni Ġenerali 2017- Persuni li għandhom ma rċevewx id-dokument għall-votazzjoni.
(5841) Ċirkulari no. 14/2017- Ittra ta’ Riżenja minn ħatra ta’ Kunsillier
(5842) Elezzjoni Generali 2017- Laqgħat għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali
(5843) Avvizi mill-Kummissjoni Elettorali maħruga fil-gazzetta tal-Gvern tat-18 u l-20 ta’ Mejju
(5844) Elezzjoni Generali 2017- Dokument tal-vot minn Għawdex għal Malta jew Vici- versa

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

(5845) Tlett avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Mejju 2017.
(5846) Email mingħand id-DLG dwar Applikazzjoni – Commonwealth Local Government conference – Study visits
(5847) Elezzjoni Ġenerali 2017- Persuni maħtura biex iservu bħala Assistenti Kummissjonarji Elettorali
(5848) Ittra mingħand PN dwar għeluq tal-Pjazza San Pietru u San Pawl
(5849) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq San Ġwann dwar kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' titellgħa bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' 400 euro.
(5850) Elezzjoni Ġenerali 2017- Ċertifikati għal min ma jkunx jista' joqgħod fil-queue
(5851) Elezzjoni Ġenerali 2017 – Dokumenti tal-vot mhux imqassma u mhux miġbura
(5852) Elezzjoni Ġenerali 2017- Tqassim ta' Dokumenti għall-votazzjoni
(5853) Elezzjoni Ġenerali 2017 – Irtirar ta' dokumenti għall-votazzjoni
(5854) Email mingħand id-DLG dwar konfini tal-lokalitijiet
(5855) Ittra mingħand SKOP dwar E4C Local Council- NGOs Project Marathon Workshop'
(5856) Elezzjoni Ġenerali 2017 – Irtitar ta' dokumenti għall-votazzjoni
(5857) Elezzjoni Ġenerali 2017- Dokument tal-vot ta' pazjenti fl-isptarijiet
(5858) Ċirkulari 16/2017- Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja. Is-Sindku nnota li din tikkonferma li l-indikatur jinħadem kif qalet l-accountant tal-Kunsill. Is-Sindku nnota ukoll li tkellem mad-Direttur tal-Kunsill u talbu jiġi jiltaqa' magħna l-Kunsill fejn jigi diskuss dan.
(5859) Elezzjoni Ġenerali 2017- Votazzjoni
(5860) Elezzjoni Ġenerali 2017 – transport għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali is-Sibt 3 ta' Gunju 2017
(5861) Email mingħand id-DLG rigward Ethics Course
(5862) Invitation to the President's Forum- Corporate Social Responsibility
(5863) Email mingħand id-DLG dwar Summer TED-Ed Clubs 2017 at Esplora, Interactive Science Centre
(5864) Email mingħand Green Pak dwar addendum on WEEE Collection. Il-Kunsill qabel li dan jiġi iffirmat.

(5865) Ċirkulari 36/2017 - Talba għall-Ġemillagg ma' Vilaġġ ta' Coye-la Foret fi Franza.

**4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku nnota li ma' l-iskeda tal-pagamenti żiedu dawn il-pagamenti:- Refund taż-żagħżagħ li marru Medzev, Pagament Rebecca Bonello u Joseph Vella ghal Karnival, Pagi u Allowances u Bonuses Kunsilliera u l-Membership tal- GAGF. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet jekk ikunx jaqbel li jinxtraw siġġiijiet minfok li jiġu mikrija. Il-Sindku nnota li jkun hemm problema ta' storage. Dr. Josianne Cutajar issuġerit li l-floodlights tal-Milied jitpoġġew fit-tender ukoll. Is-

Sindku qal li mhux possibli peress li dawn jinxtghelu mid-djar u nkella tiġina aktar spejjez minhabba cabling. Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-fuel tal-handyman tal-Kunsill jekk hux dejjem 105 euro fix-xahar. Is-Sindku nnota li dan l-ammont jingħata dejjem l-istess u li kien ġie maqbul mill-Kunsill ta' qabel. Dr. Josianne Cutajar staqsiet ukoll fuq kont tal-madum. Is-Sindku nnota li dan il-kont kien għoli peress li saret bankina kbira ħafna ta' kważi 50 metru u li dan huwa l-unika supplier f'Għawdex.

Is-Sindku nforma lil kunsilliera dwar is-sitwazzjoni tal-cash tal-kunsill. Meta taqta dak kollu li ħareġ diġa', u tinkludi din l-iskeda li qegħdin nikkunsidraw, jifdal €35,000. Dan ifisser li Pjazza tista' titħallas kollha u nirċievu 10K lura li allura jikkumpensaw għat-€10K li ħadna minħabba Post Turistiku. Is-Sindku kompla jgħid li kien hemm ukoll il- Karnival tal FECC, inħarġu 20,000 euro lil Gatt Tarmac Ltd fuq il-kont pendenti u irċevejna cheque tal-LESA ukoll. Is-Sindku qal li jkun sew li jinħareg cheque ta' 5,000 euro ukoll lil Road Construction Ltd fuq il-kont pendenti. Kien hemm qbil fuq dan.L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

**5. Offerti Pubblic**

**Tender NLC09/2017- Tender for the services of architect contracts manager:** L-orħos offerta konformi kienet tal-Perit Edward Scerri li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***Tender NLC08/2017- Tender for Maintenance of garden and public convenience in Gnien il-Kunsill in an environmentally friendly manner* -** Din ġiet mogħtija lil Joseph Cauchi bhala l-unika, l-irħas u offerta konformi wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***TenderNLC/15/2017- Service Tender for the collection of mixed household waste in an environmentally friendly manner***.Is-Sindku nnota li din trid tiġi imġedda b'xahar sa x'ħin tintgħażel din l-offerta.

***Tender NLC/15/2017 – Service Tender for the collection of bulky refuse in a friendly manner.***Din l-Offerta ser tinħareg.

***Tender NLC/14/2017 Tender for street cleaning Imnarja 2017 in an environmentally friendly manner-*** *S*er jiltaqa' l-Board tal-Evalwazzjoni l-ewwel u l-kunsill jagħmel laqgħa b'urġenza wara.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

**6.Mnarja 2017:**

- **Wirja:** Is-Sindku nnota li ser nikru xi siġar taż-żebbuġ mingħand Xerri Garden biex inzejnu u ELC se jagħtuna siġar ukoll għal Wirja u Festa. Il-Flower Arrangements ser tieħu ħsieb Maryann Curmi din is-sena. Mary Portelli ser tagħmel rappreżentazzjoni żgħira ta' Daħlet Qorrot fil-mużajk. Waqt il-Wirja ser jkun hemm preżenti tal-Inspire u ser jagħmlu lotterija f'diversi items u imbagħad jitilgħu fl-aħħar. Is-Sindku nnota ukoll li saret tinda ġdida għal Triq Diċembru 13 minħabba s-show taż-żwiemel u ġew ordnati mementos żgħar għal dawk li ser iġibu iż-żwiemel mingħand Horace Enterprise.
- **Attivita' Tfal:** Is-Sindku nnota li Annette Portelli Said ħadet ħsieb programm bla ħlas. Ilma u snacks mill-ġdid bi sponsor mingħand GSD u Kozmos.
- **Tigrija Zwiemel:** Din ser issir lejlet l-Imnarja wara 3pm. Ser isir fuljett għand Portelli Print u se jagħti importanza lil fatt li din is-sena hija In Memory of Cikku Portelli. Jidher li hemm rispons tajjeb.

Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq dan kollu.

**7. Wine Festival 2017:**

Is-Sindku nnota li l-programm huwa finalizzat u li ħadem hu u l-Kunsillier Michael Camilleri fuqu u jidher li ser jiswina inqas minn sena ilu. Hu ser jerġgħa jitlob għajnuna lil Delicata. Is-Sindku ser jagħmel stedina lis-Sindku ta' Zafferana għal dan iż-żmien. Ser jinħarġu kwotazzjonijiet ukoll fil-ġranet li ġejjin għal sound u dawl. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Viċi-Sindku Eucharist Camilleri nnota li hu ser jospita lil Frank Holler tac-Charter.

**8.Indafa Pubblika u Manutenzjoni Toroq:**

***Ħaddiema Skema***: Is-Sindku nnota li issa għandna tlett haddiema bl-iskema fuq insistenza tiegħu u ser ikunu mqassmin hekk:

- Wieħed ċentru, Kenuna u Hali, u Monti.
- Wieħed Ġrunju, Cocco Palmeri, Gebel Aħmar u Grawnd Futbol.
- Wieħed Ħida, Skips, San Blas.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

Matthew Xuereb se jieħu ħsieb Tal-Ħali bhala Knis, Xandriku u knis centru nhar ta Sibt. Is-Sindku kompla jgħid li ser naraw kif immorru pero ma jeskludix il-fatt li ikollna bzonn noħorgu tender wieħed għal gonna l quddiem, dan dejjem skond kif inkunu sejrin. Is-Sindku nnota ukoll li l-kuntrattur tal-Knis ta' l-area Grunju u Ħali bi ftiehem magħna waqqaf it-tenders sa l-aħħar ta' Mejju u dan għaliex għandna l-ħaddiema tal-iskema u hu spicca bla ħaddiem.

***Cirkulari tal-LESA -*** Is-Sindku nnota li irridu nimxu ma din ic-Cirkulari u nittekiljaw il-manutenzjoni tat-toroq. Hu kompla jgħid li Zrajk, San Guzepp u Qortin iridu kinsa tajba bil-magna u patching tajjeb u certu ħofor kbar iridu jimtlew bis-sement. Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri issugerixxa li nagħmlu resurfacing tat-Triq Zrajk u nitolbu stima lil Perit. Hu kompla jgħid li hemm problemi ukoll fi Triq il-Qortin ukoll. Is-Sindku issugerixxa li l-Kunsill jiltaqgħa mal-MGOZ fejn issir ftehiem ma xulxin fuq din it-triq peress li l-anqas drenagg ma hemm.

***Qtugħ ħaxix ħazin*** - Is-Sindku nnota li fl-assenza ta' Toni Magro li kellu hafna hin u kien idur kullimkien, issa qed nqassmu x-xogħol bejn Joseph Cardona, John Muscat, Nicholas Zammit, u anke Joseph Cauchi.

***Bring in-sites hdejn Skola***- Is-Sindku nnota li hawnhekk hemm abbuz minn persuni li qed jarmu skart kbir u anke boroz suwed. Gie imqabbad security għal jumejn filghaxija u kien hemm numru ta nies li kellimom. Is-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx suggerimenti. Kien hemm qbil li titwaħħal tabela kbira b'floodlight biex ma jintremix zibel u li jekk jinqabbad xi hadt ikun hemm multa.

**9. Materji Oħra.**

- ***Problema Umdita u Insetti Kunsill:*** Is-Sindku nnota li ser jitqabbad Joe Paul Vella sabiex inaddaf l-ewwel tlett filati ta' isfel u jinxfu għal matul is-sajf, sabiex imbagħad jerggħu jitbajjdu. L-iskirting ser isir tal-plastik. Ser jitqabbad ta' Eradicate sabiex jagħmel Pest Control ukoll fil-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.
- ***Nursery Kotba***: Is-Sindku talab approvazzjoni sabiex il-Kunsill jgħin lin-Nursery permezz ta' xiri ta' 10 kotba li għadhom kif gew ppubblikati sabiex jinzammu fil-Librerija, Kunsill u anke jistgħu jingħataw mar-rigali fil-futur. Il-Vici-Sindku Eucharist issekonda din it-talba u kien hemm qbil mill-Kunsilliera l-oħra ukoll.
- ***Triq Plier***: Din it-Triq saret mill-Gvern Centrali fejn saret il-binja l-gdida u allura il-Kunsill ifranka hafna spejjez. Is-Sindku talab approvazzjoni sabiex mal-perit jagħmlu stima sabiex

titkompla l-bicca li fadal bit-tarmak, u jinqata l-linja sabiex t-Triq tikber u jitella ħajt apposta. Kien hemm qbil fuq dan. Dr Josianne Cutajar qalet li qabel isir ix-xoghol importanti li jkun hemm il-kunsens bil-miktub tal-propjetarji tal-art specjalment jekk se tkun utilizzata xi parti mill-art taghhom.

- ***Quotes Dog Bins***: Is-Segretarja gabret il-kwotazzjonijiet għal dawn. Is-Segretarja ser titlob lil GreenPak jekk jistgħux jixtru dawn il-bins minflok bankijiet lil Kunsill tagħna.
- ***Fixed Assets***: Inbidel l-Aircondition tar-reception li kien gie mgħoddi f'laqgħa fil-passat u ser jintrema l-Aircondition il-qadim. Kien hemm qbil.
- ***Gemellagg Zafferana***: Is-Sindku nnota li ser jaħdem flimkien ma William Sultana u s-Segretarja sabiex dan is-sajf napplikaw għal fondi għal gemellagg. Peress Ii hu sejjer Zafferana ser jiehu wkoll dokumenti miegħu biex jigu diskussi mas-Sindku hemm. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.
- ***Cicciano u Baveno fl-Imnarja***: Is-Sindku nnota li s-Sindku ta' Baveno se tkun fostna minn lejlet l-Imnarja sal-1 ta’ Lulju. Din ser tattendi għal pontifikal ukoll u għal festa. Ser toqgħod San Andrea u iħallsu huma u ser ikunu bil-karozza tal-kiri ukoll.  Ser ikun hawn ukoll grupp ta Cicciano fostna mit-27 sa 4 July. Ser ikun hemm is-Sindku, xi membri tal Kunsill, President Pro Loco, Carmine, Kappillan u familji ohra. Dawn Ser joqodu f' farmhouses fit- Triq it-Tigrija u se ihallsu huma. Il-Kunsill ser jipprovdulhom transport minn u lejn airport u l-bqija tat-trasport iħallsu huma sakemm ikunu hawn. Ser tingħata memento liz-zewg sindki u natuhulom wara quddiesa fil-Kunsill niltaqgħu kollha hemm. Is-Sindku issugerixxa li noffru Lunch lis-Sindku ta' Baveno u Cicciano u l-membri tal-Kunsill tagħhom u tagħna fit-30 ta' Gunju. Hu issugerixxa li nagħmlu BBQ lil ta' Cicciano f'waħda mill-farmhouses. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu.

- **Requests:**
  - Bozza Rabat Road –Is-Segretarja informat lil Kunsilliera li giet informata mill-insurance tal-Kunsill li l-Kunsill mhux covered għal din il-bozza. Din il-bozza tiswa madwar 450euro. Il-Kunsill qabel li din issir peress li dik it-Triq perikuluza.
  - Talba mill-beach cleaners għal ħadid u fittings ghar-railing tas-slipway ta' Daħlet Qorrot. Dawn ser jinghataw mill-Kunsill u jehlu min naha taghhom.
  - Talba biex titranga bankina fi Triq taz-Zrajk.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

- Talba biex titranga bankina ta' Miriam Portelli fi Triq Grunju. Din parti mill-ħaddiema taghna u parti mill-kuntrattur tal-bankini.

- Talba għal rampa fir-residenza Shamrock, Triq Emigranti.
- Talba għal communal disabled parking fi Triq Fatima.
- Talba biex titranga tappiera tal-bankina tal-familja Tabone fi Triq it-Tramuntana għax perikoluza.
- Talbiet ghal Bozoz fi Triq Karlu Zimech u Triq Guze Bonnici, kif ukoll fi Triq Wied ir-Rihan.
- Talba għal bozza ta Burdin. Din il-materja kienet ġa ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti. Ma kienx hemm qbil fuq din peress li m'hemmx residenti f'din it-Triq u Kunsill kien diġa ddecieda li ma jsirux bozoz fejn ma hemmx residenti.
- Talba għal patching f'Old Ramla Road u Triq Xurdin.
- Talba mingħand il-Kunsillier Michael Camilleri għal double yellow lines fi Triq Emigranti.
- Talba mingħand il-Kunsillier Michael Camilleri biex titranga il-bozza fil-Pjazzetta hdejn il-Fat Rabbit. Dr Josianne Cutajar ukoll qalet li rċiviet ilmenti dwar il-fatt li d-dawl tal-Pjazetta qed jixgħel tard.
- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar fakkret fit-talba għal Rampa fi Triq Wied ir-Rihan.
- Talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar ghal bankina no. 15 fi Triq Dun Bernard Haber.
- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet meta se ssir il-bozza l-gdida ta' Triq San Gakbu ħdejn il-Maxokk bakery. Is-Sindku nnota li din il-bozza giet imressqa fil-laqgħa ta' qabel fejn kien hemm qbil fuqha u se ssir maż-żewġ bozoz li jmiss.
- Il-Vici Sindku nnota li hemm bzonn titranga il-bankina tas-sala Parrokjali kif ukoll biex jinqata' haxix hazin tal-Grawnd P.P Camilleri.

**10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017, fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |